**23 ta' Mejju, 1961**
**Imħallef :—**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Grazio Debattista
*versus*
Michele Galea

**Bejgħ bl-Ingrossa u bl-Imnut — Preskrizzjoni — Art. 2261(b) u 2253(b) tal-Kap. 23.**

*Fost l-azzjonijiet li huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar hemm dik ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra simili, mibjugħa bl-imnut.*

*Il-ġurisprudenza tagħna tagħti kriterju direttiv biex wieħed jiddistingwi bejn grossista u dettaljatur; u dan hu illi, fil-waqt li l-grossista aktarx ibiegħ lil min jikkummerċja fil-ħaġa, id-dettaljatur ibiegħ aktarx lill-konsumatur u fi kwantitajiet żgħar miżurati mill-bżonn tal-istess konsumatur; jiġifieri illi l-kummerċ bl-imnut jikkonsisti fir-rivendita f'partiti żgħar ta' merċi jew derrati li tal-ħanut, jew "minutant", jixtri minn għand neguzjant.*

*Jidher ċar illi bil-kelma "bl-imnut" il-liġi tikkontempla lil dawk kollha, kummerċjanti jew le, li jbigħu oġġetti ta' konsum ta' kulljum, tant lil min hu kummerċjant kemm lil min*

*mhux. L-azzjoni għall-prezz ta' kompressur ma taqgħax taħt din il-preskrizzjoni, imma hija kolpita minn dik ta' ħames snin.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu £474 bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' "air compressor" bil-makna "Lister" lill-istess konvenut mibjugħ u konsenjat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Ottubru 1958 u tarrikors tal-10 ta' Ottubru tal-istess sena; u bl-interessi kummerċjali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut, li biha dan oppona l-preskrizzjoni ta' ħames snin skond l-art. 2261(b) tal-Kodiċi Ċivili u l-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar skond l-art. 2253(b) tal-istess Kodiċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preskrizzjoni;

Riferibbilment għal dik ta' tmientax il-xahar kontemplata fl-art. 2253(b) tal-Kodiċi Ċivili, il-liġi twaqqa' b'din l-istess preskrizzjoni l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra simili, mibjugħa bl-imnut;

Fil-ġurisprudenza tagħna nsibu li l-kriterju direttiv biex wieħed jiddistingwi l-grossista mid-dettaljatur hu dak li, fil-waqt li l-ewwel wieħed aktarx ibiegħ lil min jikkummerċja fil-ħaġa, it-tieni wieħed ibiegħ aktarx lill-konsumatur u fi kwantitajiet żgħar miżurati mill-bżonn tal-istess konsumatur — dak li jfisser illi l-kummerċ bl-imnut jikkonsisti fir-rivendita f'partiti żgħar ta' merċi jew derrati li tal-ħanut ("bottegaio") jew "minutant" jixtri minn għand neguzjant;

Però, il-liġi tagħna, kif ġa rajna, tuża l-kliem "ta' kredituri", u mhux il-kliem "ta' kummerċjanti"; u ma tużax

il-kelma "merċi" biss, kif f'xi liġi barranija, per eżempju t-taljana, imma żżid ukoll il-kliem "oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobili"; u ma tużax il-kliem "mibjugħa lil persuni li ma jeżerċitawx il-kummerċ", imma tuża l-kelma "bl-imnut", li mhix użata fil-liġi taljana; u allura, skond il-liġi tagħna, wieħed għandu jara biss jekk l-operazzjoni kienetx għall-ingrossa jew bl-imnut, billi l-liġi tagħna tikkunsidra biss il-vendita tal-ħwejjeġ fuq indikati fiha nnfisha u l-kwantitattiv fornit biss;

Imma, peress li tuża l-kliem "bl-imnut", jidher ċar li tikkontempla lil dawk kollha, kummerċjanti jew le li jbiegħu oġġetti ta' konsum ġjornaljer, tant lil min hu kummerċjant kemm lil min mhux. L-espressjoni "bl-imnut" talludi bilfors għal ħwejjeġ żgħar; u dan, li l-ħaġa tkun ta' entità żgħira, kien il-motiv li ġiegħel lil-leġislatur jistabbilixxi preskrizzjoni qasira, billi mhix ħaġa solita, u lanqas li wieħed għandu jistenna, li min ibiegħ jagħti kredtu għal żmien twil f'vendita ta' ħwejjeġ żgħar;

Għaldaqstant, din il-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar mhix applikabbli għall-kreditu tal-attur għall-prezz tal-oġġett indikat fl-att taċ-ċitazzjoni, li ċertament ma jistgħax jiġi kunsidrat bħala ħaġa żgħira ta' konsum ġjornaljer li l-bejgħ tiegħu hu kwindi bejgħ bl-imnut;

Riferibbilment għall-preskrizzjoni l-oħra ta' ħames snin;

Din hija l-preskrizzjoni applikabbli għall-każ; iżda l-konvenut ma rnexxielux jipprova soddisfaċentement l-attwazzjoni tagħha;

Infatti, l-attur xehed li hu kkonsenja l-kompressur lill-konvenut f'Jannar 1954 . . . . ;

*Omissis;*

Għalhekk, respinta anki din l-eċċezzjoni;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza; bl-ispejjeż.